# Il-qtil illegali tal-għasfar jissokta b'mod rampanti tul l-2021

## Tkompli x-xejra ta' żieda fil-vittmi tal-kaċċa illegali hekk kif l-ammont jittrippla fl-aħħar erba' snin imqabbel mal-erbgħa ta' qabel

Matul l-2021 in-numru ta' għasafar protetti li taf bihom BirdLife Malta, u li ġew ikkonfermati bħala vittmi tal-kaċċa illegali, kien ilaħħaq 181. Dan l-ammont hu biss farka minn dak li verament iseħħ f'Malta u Għawdex għax jirrappreżenta biss l-għasfar feruti jew mejta li jinstabu mill-pubbliku. Wieħed jista' faċilment jikkonkludi li eluf ta' tajr protett ieħor bħal għasafar tal-priża, Fjamingi u rsieset inqatlu illegalment u ngħabru minn dawk li wettqu dawn ir-reati, l-aktar sabiex jiġu bbalzmati.

Matul l-aħħar tmien snin, total ta' 749 għasfur protett li spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali ngħabru minn membri tal-pubbliku. Tispikka x-xejra 'l fuq fin-numri b'76% minn dawn l-għasafar instabu tul l-aħħar erba' snin. Fil-fatt, mill-2014 sal-2017 kellna 190 għasfur li ġew ċertifikati bħala vittmi tal-kaċċa illegali waqt li fl-aħħar erba' snin, bejn l-2018 u l-2021, l-ammont aktar milli ttrippla għal 604.

In-numri ta' hawn fuq ma jinkludux l-għasafar tal-għana li ġew minsuba illegalment taħt id-deroga 'xjentifika' fażulla li nħolqot mill-Gvern Malti. Din id-deroga paraventu diġà qed tiġi kkontestata bil-qawwi mill-Kummissjoni Ewropea (KE) u Malta se tittieħed quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. L-abbuż ta' deroga bħal din tant hu rampanti li fi ftit xhur biss BirdLife Malta rċeviet 926 għasfur tal-għana protett għar-riabilitazzjoni, li mbagħad inħelsu lura fin-natura. 120 għasfur protett ieħor ukoll spiċċaw fil-mira tal-insib illegali bl-istess metodi. F'Novembru ttieħdet deċiżjoni politika li BirdLife Malta ma tibqax involuta f'każi bħal dawn relatati mal-insib għall-għasafar tal-għana, sabiex ma tkunx esposta s-severità ta' din il-problema.

Is-sena li għaddiet hija prova oħra li l-Prim Ministru, il-Kabinett tiegħu u l-awtoritajiet rilevanti mhux qed jieħdu l-problema tal-kaċċa u l-insib illegali

bis-serjetà anke wara li l-KE esprimiet it-tħassib tagħha fuq din il-kwistjoni u tat bidu għal proċeduri legali kontra Malta minħabba l-falliment tal-kontroll tas-sitwazzjoni tal-kaċċa illegali, apparti mill-azzjoni li ħadet ukoll fuq id-deroga paraventu tar-'riċerka xjentifika' li tippermetti l-insib għall-għasafar tal-għana. BirdLife Malta se tkun qed tippreżenta dawn in-numri flimkien ma' evidenza fil-forma ta' filmati u ritratti lill-Kummissjoni Ewropea fil-futur qrib.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "Hemm diversi raġunijiet għalfejn il-qtil illegali rampanti qed jiżdied f'Malta. Aħna nemmnu li n-nuqqas ta' dixxiplina fost il-kaċċaturi flimkien ma' gvern li jagħmel minn kollox biex iċedi għat-talbiet tal-għaqdiet tal-kaċċaturi biex ikun hawn liġijiet iktar dgħajfa, infurzar dgħajjef u aktar derogi mid-Direttiva Ewropea tal-Għasafar huma l-kawża prinċipali. Għadna sal-lum qed insofru minn żewġ żbalji kbar li ttieħdu fl-imgħoddi minn gvernijiet, kemm Laburisti kif ukoll Nazzjonalisti, li kienu taw amnestiji lil eluf ta' kaċċaturi li kienu ddikjaraw li qatlu nofs miljun għasfur protett. L-iċċekkjar ta' dawn il-listi kien twaqqaf, u dan għamilha faċli biex tajr protett li qed jinqatel illum ukoll jiġi maħfur taħt dawk l-amnestiji.

Biex tkompli tgħaxxaqha, jidher li bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti, kif jidher ċar mill-każ tal-Ponta tal-Qawra u l-wegħda li dan il-post jinbidel f'zona fejn ma tkunx permessa l-kaċċa. Waqt li l-Ministru għall-Ambjent kien stqarr pubblikament dan wara l-massakru tal-Fjamingi f'dawn l-inħawi, jidher li ma rnexxilux jikseb l-appoġġ tal-kumplament tal-Gvern. Aħna nsejħu liż-żewġ partiti biex ma jibqgħux bla sinsla fil-konfront ta' dawk li jiksru l-liġi u jibdew jieħdu l-problema tal-kaċċa u l-insib illegali tal-għasafar bis-serjetà."

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmużin:**

1. Lista sħiħa tal-181 għasfur protett li spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali u nġabru minn BirdLife Malta u l-pulizija tul l-2021 (PDF)
2. Tqabbil tal-qtil illegali tat-tajr protett fl-aħħar tmien snin (JPEGs)
3. Fact sheet b'tagħrif dettaljat dwar il-vittmi tal-kaċċa illegali u r-riabilitazzjoni ta' dawn l-għasafar (PDF)

**Niżżel ir-ritratti minn https://we.tl/t-HMkslOtTsF**

1. Arpa, għasfur tal-priża li jgawdi minn livell għoli ta' protezzjoni, misjub b'feriti tal-kaċċa fil-Bidnija f'Ottubru 2021 (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. Il-Fjamingi li tniżżlu fil-Ponta tal-Qawra fil-bidu tal-istaġun (Ritratt tal-Pulizija ta' Malta)
3. Russett Griż, miksi demm u b'sieq waħda nieqsa (Ritratt ta' Mario V Gauci)
4. Spanjulett ferut li nġabar mill-Għarb, Għawdex f'Ottubru 2021 (Ritratt ta' Benjamin Grech)
5. Kokka tax-Xagħri li oriġinarjament inġabret mill-pulizija mis-Siġġiewi fit-30 ta' Settembru 2021 u ġiet konfermata mill-veterinarji bħala vittma tal-kaċċa illegali. Wieħed minn ħafna każi ta' għasafar riabilitati b'suċċess. Dan l-għasfur inħeles lura fin-natura fid-19 ta' Ottubru 2021 fuq Kemmuna. (Ritratt ta' BirdLife Malta)
6. Taż-Żebbuġ vittma ta' nsib illegali b'sinjali evidenti ta' brix kaġun tal-fatt li nżamm f'gaġġa, u li kien ikkonfiskat mill-pulizija tul l-aħħar staġun u ġie mgħoddi lil BirdLife Malta. Wieħed minn mijiet ta' għasafar tal-għana assenjati lil BirdLife Malta għar-riabilitazzjoni qabel ma l-NGO twaqqfet milli tipprovdi dan is-servizz f'Novembru 2021. (Ritratt ta' BirdLife Malta)
7. Fras-servjent b'diversi feriti ta' senter tal-kaċċa li nġabar mill-Bajja ta' San Tumas f'Ġunju. (Ritratt ta' BirdLife Malta)
8. Agrett Abjad li nstab mejjet b'tiri ta' senter fil-Marsa f'Novembru li għadda. (Ritratt ta' BirdLife Malta)
9. Fras-servjent u tajr ieħor tal-plajja qed jiġu meħlusa fir-Riserva Naturali tal-Għadira wara r-riabilitazzjoni (Ritratt ta' BirdLife Malta)
10. Fjamingu riabilitat qed jinħeles fl-Għadira (Ritratt ta' Alexandr Krushlinsky)

**Ara l-filmati fil-ħoloq hawn taħt jew niżżilhom minn https://we.tl/t-XEktc0BjTO**

*Filmati u muntaġġ ta' BirdLife Malta*

1. Video li jiġbor l-illegalitajiet osservati matul ir-Raptor Camp ta' BirdLife Malta fil-bidu tal-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa 2021
2. Kuċċard u Bagħdan Aħmar qed jinħelsu lura fin-natura fuq Kemmuna wara li ġew riabilitati minn BirdLife Malta